



Brussell, 14.11.2012
COM(2012) 671 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

Li tistabilixxi relazzjonijiet xierqa bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Li tistabbilixxi relazzjonijiet xierqa bejn l-UE u l-Aġenzija Spazjali Ewropea

Id-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona stabbilixxa l-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fuq kwistjonijiet tal-ispazju, bla ħsara għall-kompetenzi tal-Istati Membri nnifishom. L-ispazju sar strument biex jintlaħqu l-għanijiet tal-UE u politika tal-UE fih innifsu.

L-Artikolu 189 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jitlob lill-UE biex tistabbilixxi relazzjonijiet xierqa mal-ESA.

Il-Komunikazzjoni attwali tibni fuq il-Komunikazzjoni ta' April 2011¹ "Lejn strateġija tal-ispazju għall-UE li biha jibbenefiċċji għaċ-ċittadini tagħha" li fiha l-Kummissjoni ressqet l-ideat inizjali dwar l-evoluzzjoni tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ESA.

1. KUNTEST

Matul l-aħħar għaxar snin, l-Unjoni Ewropea saret protagonista ewlenija tal-ispazju. Ir-riċerki EGNOS u GALILEO, GMES u Space permezz tas-Seba' Programm Kwadru saru ta' importanza ewlenija fil-medda spazjali Ewropea.

Il-proposti tal-Kummissjoni relatati mal-ispazju għall-Qafas Finanzjarju Multiannwali li jmiss jimplikaw żieda ulterjuri fl-involvement tal-Unjoni Ewropea fl-ispazju.

Ir-rwol dejjem jikber tal-UE fl-ispazju jimxi id f'id ma' relazzjoni dejjem eqreb mal-Istati Membri u l-ESA, iż-żewġ atturi ewlenin l-oħra tal-Politika Spazjali Ewropea. F'dan il-kuntest il-Kummissjoni fdat lill-ESA b'ċerti responsabbiltajiet fl-implimentazzjoni tal-programmi spazjali speċifiċi tal-UE. Fil-każ ta' Sistemi Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita Ewropej (GNSS), l-ESA bħalissa hija responsabbli mid-disinn, l-iżvilupp u l-kisba tas-segmenti tas-sistemi tal-art u tal-ispazju filwaqt li r-responsabbiltà mill-ġestjoni operattiva relatata mal-esplortazzjoni tas-sistemi hija maħsuba li tkun fdata lill-Aġenzija Ewropea tal-GNSS (GSA)². Relazzjoni eqreb mal-ESA tkun tippermetti aktar żvilupp fit-tqassim tal-kompiti.

L-ESA hija organizzazzjoni ta' klassi dinjija li jistħoqqilha krettu għas-suċċessi li l-Ewropa kisbet matul l-aħħar erba' deċennji. Bis-saħħa tal-attivitajiet imwettqa mill-ESA u l-Istati Membri permezz tal-programmi spazjali nazzjonali tagħhom, l-Ewropa issa għandha bażi teknoloġika u industrijali soda u titqies bħala msieħba affidabbli fil-programmi internazzjonali.

L-UE tiddependi ħafna fuq l-eċċellenza teknika tal-ESA u parti kbira mill-baġit spazjali tal-UE hija ddelegata lill-ESA, sal-punt li l-UE illum hija fost l-akbar kontributuri lill-ESA.

Madankollu, il-ħruġ tal-ispazju bħala politika tal-UE, l-importanza dejjem tikber tal-programmi spazjali tal-UE u d-dependenza tal-Unjoni Ewropea fuq il-kompetenza teknika tal-

¹ COM(2011) 152.

² COM(2011) 814.

ESA għadhom ma ssarrfux f'evoluzzjoni tal-governanza ta' kwistjonijiet tal-ispazju fuq livell Ewropew. Skont id-dispożizzjoni tal-Artikolu 189, il-komunikazzjoni attwali tindika rotot għal żmien qasir u fit-tul li huma possibbli għar-relazzjonijiet tal-UE mal-ESA bil-ħsieb li tissokta koperazzjoni effiċjenti. Din il-komunikazzjoni tippreżenta l-ideat tal-bidu. Il-proposti ulterjuri għandhom ikunu ssostanzjati b'analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji u b'valutazzjoni tal-impatt.

2. L-OSTAKLI STRUTTURALI FIR-RELAZZJONIJIET ATTWALI BEJN L-UE U L-ESA

2.1. Nuqqas ta' qbil fir-regoli finanzjarji

Il-ġestjoni tal-finanzjament tal-UE mill-ESA hija kumplessa wisq minħabba l-fatt li l-Unjoni Ewropea u l-ESA għandhom regoli differenti li jridu jeżistu flimkien fi ħdan l-ESA. L-akbar programmi tal-ESA huma ffinanzjati primarjament permezz ta' abbonamenti tal-Istati Membri. L-akkwist industrijali għal dawn il-programmi isegwi l-għan tar-ritorn ġeografiku u l-proċeduri finanzjarji tal-ESA huma primarjament imfassla biex jikkonformaw ma' din ir-regola. Għall-implimentazzjoni tal-programmi tal-UE, l-ESA hija obligata ssegwi r-regoli tal-UE u l-prinċipju strett tal-aħjar valur inkorporat fir-Regolament Finanzjarju tal-UE³. Dan ħoloq diffikultajiet, b'mod partikolari kull meta l-programmi huma ffinanzjati permezz ta' approprjazzjonijiet imħallta tal-ESA u tal-UE. .

2.2. Nuqqas ta' simetrija fis-sħubija

Bħalissa, 17-il Stat Membru tal-UE huma Membri tal-ESA⁴. Il-membri tal-ESA jinkludu n-Norveġja u l-Isvizzera, li mhumiex Membri tal-UE. Il-Kanada għandha ftehim ta' koperazzjoni bilaterali mal-ESA. Filwaqt li l-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-ESA tikber, dan in-nuqqas ta' simetrija flimkien ma' sistema ta' votazzjoni fejn kull Stat Membru jkollu vot wieħed fil-Kunsill tal-ESA u d-deċiżjonijiet ewlenin fi ħdan din l-entità huma adottati b'unanimità, jagħtu lil membri tal-ESA, li mhumiex membri tal-UE, ingranaġġ sproporzjonat fuq kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw lill-UE. Barra minn hekk in-nuqqas ta' simetrija jikkomplicha d-diskussjonijiet partikolarment rigward kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża kif indikat hawn taħt.

2.3. Nuqqas ta' simetrija fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża

Il-kompetenza tal-UE f'dawk li huma kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża ssaħħet bl-adozzjoni ta' Trattat ta' Lisbona u bit-twaqqif tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Il-kapaċitajiet spazjali ta' sikwit ikollhom il-potenzjal li jintużaw għal skopijiet ċivili u tad-difiża. Sabiex tikkontribwixxi għall-għanijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, l-UE trid tistabbilixxi rabtiet u sinerġiji dejjem eqreb u aktar b'saħħithom bejn id-dimensjonijiet ċivili u tad-difiża tal-ispazju. Il-kollaborazzjoni tal-Istati Membri u tal-ESA hija essenzjali f'dan l-isforz. Madankollu, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ESA huma kostretti minħabba l-fatt li s-sħubija tal-ESA tinkludi Stati li mhumiex membri tal-UE, u dan joħloq problema ovsja b'mod ġenerali u problema saħansitra iktar akuta meta niġu għall-kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża.

³ Ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1081/2010.

⁴ L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Portugall, ir-Rumanija, Spanja, l-Isvezja u r-Renju Unit. Il-Polonja qed tiffinalizza l-proċess ta' ratifika biex issir l-20 Stat Membru tal-ESA.

2.4. Nuqqas ta' mekkaniżmi għall-koordinazzjoni tal-politika

L-attivitajiet spazjali tal-ESA għandhom nuqqas ta' konnessjoni strutturali u ta' mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fit-tiswir tal-politika aktar wiesgħa tal-Unjoni Ewropea. Il-Ftehim Qafas UE/ESA tal-2004⁵, minkejja l-ambitu wiesa' tiegħu, ma jipprevedix għalihom. Għalhekk waqt negozjati fit-tul fuq livell ta' programm jeħtieġ li jiġu deċiżi mekkaniżmi speċifiċi għall-koordinazzjoni u l-koperazzjoni. M'hemmx mekkaniżmu formali fuq livell ta' politika li jiżgura li l-inizjattivi meħuda fi ħdan l-ESA huma konsistenti mal-politiki tal-UE. Dan huwa ta' tħassib partikolari fejn jidħlu r-relazzjonijiet internazzjonali.

2.5. Responsabbiltà politika nieqsa għall-ESA

Fl-aħħar nett, ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ESA huma affettwati min-nuqqas ta' simetrija fejn tidħol ir-responsabbiltà politika. Il-fatt li l-ESA bħala aġenzija Ewropea ma għandha l-ebda rabta formali mal-Parlament Ewropew iċaħħad lill-ESA minn rabta diretta maċ-ċittadini li kull politika tal-UE tgawdi.

3. IT-TRIQ 'IL QUDDIEM

L-UE tista' tipprovi dimensjoni politika (inkluż fuq livell internazzjonali) u leġittimità, kif ukoll rabtiet ma' oqsma ta' politiki oħra. Il-bżonn ta' aktar effiċjenza operattiva, simmetrija fi kwistjonijiet ta' difiża u ta' sigurtà, koordinazzjoni u responsabbiltà politika jista' jissolva biss, fit-tul, billi l-ESA titqarreb lejn l-Unjoni Ewropea.

Il-Kummissjoni tikkunsidra li għandha tiġi stabbilita data b'mira ċara bejn l-2020 u l-2025 għal dan l-għan fit-tul. Il-Kummissjoni, li taħdem mill-qrib mal-ESA tista' tippreżenta lill-Istati Membri b'bosta alternattivi possibbli għal tqarrib bħal dan, qabel tmiem l-2013. Dawn l-alternattivi jkunu jinkludu: li tittejjeb il-koperazzjoni taħt l-"istatus quo", li l-ESA ssir organizzazzjoni intergovernattiva taħt l-awtorità tal-Unjoni Ewropea (li jsegwi, sa ċertu punt, il-mudell tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża), jew li l-ESA tinbidel f'aġenzija tal-UE (skont il-mudell ta' aġenziji regolatorji eżistenti). Il-Kummissjoni, li taħdem mill-qrib mal-ESA, se tagħmel analiżi dettaljata tar-riskju u tal-benefiċċji u l-ispejjeż tal-alternattivi differenti, bil-ħsieb li jkun hemm kemm jista' jkun sinerġiji bejn l-atturi differenti inkluża l-GSA.

Dawn l-alternattivi jippreservaw il-karatteristiċi essenzjali attwali tal-ESA (jiġifieri l-programmi fakultattivi sottoskritti mill-Istati Membri) filwaqt li jagħtu lill-ESA karatteristiċi ewlenin tal-UE – bħat-teħid tad-deċiżjonijiet b'maġġoranza kwalifikata jew ir-responsabbiltà vis-à-vis l-Parlament Ewropew.

Sadanittant, jista' jkun żgurat li jkun hemm koabitazzjoni bejn l-UE u l-ESA li titħaddem tajjeb u li tista' tgħin biex jinkiseb l-għan fit-tul tat-tqarrib. Il-ftehimiet ta' delegazzjoni li ntlaħqu bejn l-UE u l-ESA diġà għenu biex l-ESA titqarreb lejn l-UE, l-eżempju ewlieni huwa dak tad-Direttorat tan-Navigazzjoni tal-ESA fil-qafas ta' Galileo.

Fil-Komunikazzjoni tagħha ta' April 2011⁶ il-Kummissjoni ssuġġerixxiet li l-ESA għandha tibqa' tevolvi f'organizzazzjoni b'dimensjoni intergovernattiva u tal-UE li fiha programmi militari u ċivili jistgħu jeżistu flimkien. Din għandha tibqa' toħloq strutturi ta' ġestjoni

⁵ ĠU L 261, 6.08.2004, p. 64.

⁶ COM(2011) 152.

maħsuba esklussivament għall-programmi tal-UE. Għandha tinħoloq ukoll struttura flessibbli ta' sħubija sabiex l-Isvizzera u n-Norveġja jkunu jistgħu jieħdu sehem fi wħud mill-programmi, soġġetti għal ftehim mal-UE.

Billi tibni fuq dawn l-ideat tal-bidu, il-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-UE:

- Tista' taħdem permezz tal-Kunsill tal-UE, bl-użu kif xieraq tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni biex tiżgura koerenza fl-UE u li l-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE fl-ESA jkunu konsistenti mal-politiki tal-UE;
- Jista' jkollha rikors sistematiku għall-ESA għad-disinn u l-iżvilupp tal-infrastrutturi spazjali tal-UE, filwaqt li l-attivitajiet ta' sfruttar isiru minn entitajiet oħra, bħall-GSA.;
- Tista' tiżgura approċċ omoġenju skont ir-Regolament Finanzjarju tal-UE biex tiddelega r-responsabbiltajiet dwar il-programmi spazjali tal-UE lill-ESA bħala mezz biex tħejji lill-ESA għall-ħidma fl-ambjent tal-UE, u biex tistabbli sħubiji mal-Istati Membri meta jkun xieraq.

L-ESA tista':

- Tagħmel l-adattamenti strutturali meħtieġa (finanzjarji u t-teħid intern tad-deċiżjonijiet) biex tiżgura li l-attivitajiet ddelegati lill-ESA mill-Kummissjoni huma ġestiti f'ambjent li jixbah lil dak tal-UE (eż. permezz ta' programmi dedikati tal-UE ta' ġestjoni ta' direttorati fi ħdan l-ESA);
- Tagħmel il-bidliet neċessarji li jippermettu aċċess mhux ristrett lill-Kummissjoni Ewropea għall-entitajiet statutorji rilevanti tal-ESA (eż. il-Kunsill tal-ESA u l-korpi subordinati tagħha) biex il-Kummissjoni tingħata l-possibbiltà li tagħti kontribut u tiżgura koordinazzjoni mal-politiki tal-UE permezz ta' mekkaniżmi eżistenti fl-ESA.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jagħtu reazzjoni dwar dawn is-suġġerimenti li għandhom x'jaqsmu mar-relazzjoni bejn l-UE u l-ESA, l-għan fit-tul biex l-ESA titqarreb lejn il-qafas tal-UE. Fuq din il-bażi l-Kummissjoni tista' tipprova analiżi dettaljata tal-benefiċċji u l-ispejjeż tal-alternattivi possibbli.